L-Orizzont

LORNA VASSALLO

Data tal-Pubblikazzjoni: 13 ta' Awissu, 2004

## Sunday Times u Independent on Sunday

Minix se nitkellem fuq il-fatt li t-talba tieghi bil-miktub biex nissieheb mal-lista ta' opinjonisti li jikkontribwixxu fit-**Times of Malta** giet rifjuta. Lanqas ma jien se noqghod infisser ezattament kif l-editur ta' din il-gazzetta ddecieda li m'inix kapaci qabel ma ra xi bicca xoghol tieghi bl-Ingliz. U lanqas ma jien se noqghod neqred li ta' l-**Independent** hasbuni li rrid il-hlas ta' xoghli u gabu skuza bil-hlas biex ma jghidulix li ma jixtiqunix nikkontribwixxi fil-gazzetta indipendenti taghhom. Dwar dawn nita' nghid kelma wahda li jispjega kollox: eskluza.

Izda li ridt nitkellem dwaru llum huwa kif jien, Lorna Vassallo, bhal kulhadd, imwielda x'imkien, inzertajt twelidt fir-rahal zghir ta' l-Imgarr, Malta. Rahal li jissejjah ukoll "ir-rahal tal-fniek"!

Mhux l-ewwel darba li esprimejt ruhi fuq rahal twelidi fuq il-gazzetti. Bhala rahal zghir u mwarrab mhux l-ewwel darba li bata sempliciment minhabba dan ic-cirkostanzi. Kaz bhal dan kien l-gheluq tal-fergha ta'l-HSBC li ghalkemm il-Kunsill kien wieghed li se jaghmel hiltu kollha biex jierga jiftahha s'issa nahseb li l-Imgarrin fehmu li l-flus jigu l-ewwel mhux ic-cittadin.

Izda f'aspetti differenti l-Imgarr jibqa' dejjem uniku.

B'wahda mill-attribwiti tieghu tkun is-slogan li xi kultant jintuza ghal Ghawdex "the island wher time stood still". U la qiegha nitkellem fuq iz-zminijiet u fuq it-'time' huwa proprju dwar il-gazzetta **The Times** li nixtieq nitkellem.

**It-Times u s-sittinijiet**
Ghal min irid isib prattika tas-sittinijiet ghadha ffossilizzata f'dan ir-rahal ckejken imur jipprova jixtri **s-Sunday Times** mir-rahal ta' l-Imgarr, Malta. Qieghed nghid il-Hadd ghax matul il-gimgha din il-gazzetta tinbiegh mill-hwienet tal-kotba.

Interessanti kif billi l-ebda hanut majiftah il-Hadd ghajr il-kazini politici – is-**Sunday Times** tista' tinxtara biss minghand il-kazin tal-Partit Nazzjonalista. Ironikament dan japplika wkoll ghal gazzetta ohra bil-lingwa Ingliza bl-isem ta' **Independent**! U biex taraw kemm hi indipendenti **l-Independent** morru ppruvaw ixtruha mill-Imgarr il-Hadd fil-ghodu.

**Diskriminazzjoni politika?**
Bhala Mgarrija ta' twemmin Laburista u li, ohrog il-ghageb, naf naqra bl-Ingliz, ghalija dan ifisser li biex nixtri l-gazzetti bl-Ingliz irrid nidhol fil-kazin tal-Partit Nazzjonalista. Differenti minn hafna Laburisti ohrajn – din il-haga jien lesta li naghmilha. Hafna Laburisti ohrajn jippreferu ma jixtrux il-gazzetta mill-ewwel!

Ma rridx naghti l-impressjoni li f'dan ir-rahal zghir ghad baqa' daqshekk firda minhabba partiggjanizmu izda bhal f'Malta kollha mhux kulhadd jidhol ghand kulhadd.

Forsi l-gazzetti bl-Ingliz jahsbu li certi Laburisti huma llitterati u certi Nazzjonalisti huma avvanzati imma dak ma jfisser xejn! Jien ukoll iltqajt f'hajti ma' 'supporters' tal-Brazil li jahsbu li dan il-pajjiz qieghed fl-Ewropa! M'ghandi l-ebda tort f'dan kollu!

Jew inkella jewwilla Laburisti Mgarrin qeghdin b'xi mod igu mcahhda milli jixtru z-**Sunday Times u l-Independent** – fi kliem iehor qeghdin jigu eskluzi? Fi kliem iehor din hija xi tip sottili ta' diskriminazzjoni politika?

Kemm hemm Imgarrin ta' twemmin Laburista li qeghdin jigu mcahhda minn inormazzjoni ghax jiddejqu, jisthu jew ma jridux jidhlu jixtruha mill-kazin Nazzjonalista?

Ta' dan jien nirrikjedi risposta kemm minghand is-**Sunday Times** kif ukoll l-**Independent** u nixtieq nigbdilhom l-attenzjoni li mhux kull min huwa ta' twemmin Laburista fl-Imgarr ta' Malta ma jafx jaqrab bl-Ingliz. Billi nhar ta' Hadd inkun bit-takkuna nippreferi, jekk joghgobhom, iwasslulu l-gazzetta sal-kazin politiku favorit tieghi halli niffranka mixja. Hek kinkun nista' noqghod kalma niehu kafe' mentri nitkellem mal-kostitwenti waqt li naghti daqqa t'ghajn lis-**Sunday Times**. Lussu li s'issa ghandhom biss dawk ta' twemmin Nazzjonalista f'dan ir-rahal. Huma biss jistghu jsibu varjeta' ta' gazzetti fil-kazin taghhom. Il-minoranza Laburista kull ma ghandha l-gazzetti tal-Partit taghha.

**Kondoljanzi**
Fl-ahharnett nixtieq naghti l-kondoljanzi tieghi lill-famijari ta' Jacob Vella, attivista veteran Laburista f'dan ir-rahal ta' l-Imgarr li fl-ahhar tal-gimgha li ghaddied hasad lil kull min kien jafu bil-mewta tieghu. Jacob kien wiehed minn dawk il-veterani li ghenu biex fl-Imgarr, bhal f'postijiet ohra, jasal il-messagg politiku Laburista u jibqa' dejjem prezenti billi anke serva bhala President tal-Kumitat Lokali ghal xi zmien.

Bhan-nies kollha ta' zminijietu, mal-mewta tieghu tlifna parti hajja ohra mill-istorja tal-Partit Laburista li taghtu l-hajja specjalment fil-hamsinijiet u fis-sittinijiet u assiguratlu postu bhala Partit kolossali fil-politika Maltija b'differenza wahda – partit imsejjes kollu kemm hum inn ghajta kbira favur il-haddiem u z-zghir